**MINUTI**

**KAMRA TAD-DEPUTATI**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**SEDUTA NRU 238**

It-Tnejn, 6 ta’ Mejju 2024

Il-Kamra tad-Deputati ltaqgħet fis-Sala tal-Parlament, il-Belt Valletta fl-4.01 p.m.

L-Ispeaker l-Onor. Anġlu Farrugia ppreseda.

**PREŻENTI**

L-Onor. Chris Said kien imsiefer fuq xogħol parlamentari.

Id-Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Fondi Ewropej, Ugwaljanza, ir-Riformi u Djalogu Soċjali l-Onor. Chris Fearne, is-Segretarju Parlamentari għar-Riformi u l-Ugwaljanza l-Onor. Rebecca Buttigieg, l-Onor. Alex Borg, l-Onor. Naomi Cachia u l-Onor. Mark Anthony Sammut kienu skużati.

L-Onor. Stephen Spiteri kien assenti.

**TALBA**

L-Iskrivan tal-Kamra qalet it-talba.

**MINUTI**

Il-Minuti tas-Seduta Nru 237 li saret fit-30 ta’ April 2024 kienu kkonfermati.

L-Ispeaker informa lill-Kamra li s-Sedja laqgħet it-talba tal-Onor. Deo Debattista u tal-Onor. Graziella Attard Previ sabiex jidhru bħala skużati fil-Minuti tas-seduta 235 tal-24 ta’ April u s-seduta 236 tad-29 ta’ April 2024 rispettivament, u kienet qiegħda tordna illi ssir il-korrezzjoni relattiva fl-imsemmija Minuti.

**INFORMAZZJONI MIS-SEDJA**

L-Ispeaker qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 3635 Rapport tal-parteċipazzjoni tas-Sedja fi żjara uffiċjali fl-Emirati Għarab Magħquda fuq stedina tal-President tal-Kunsill Federali Nazzjonali tal-Emirati Għarab Magħquda l-Eċċellenza Tiegħu Saqr Ghobash, li saret bejn id-29 u t-30 ta’ April 2024.

**KONDOLJANZI**

L-Ispeaker, l-Assistent Whip tal-Oppożizzjoni l-Onor. Paula Mifsud Bonnici, u l-Assistent Whip tal-Gvern l-Onor. Davina Sammut Hili taw il-kondoljanzi tagħhom lill-Whip tal-Gvern, l-Onor. Naomi Cachia, wara l-mewt ta' missierha li kienet ġrat dakinhar.

**MISTOQSIJIET**

Mistoqsijiet ġew magħmula u mogħtija tweġiba orali.

Fl-4.30 p.m. l-aħħar mistoqsija kienet numru 11394 u l-mistoqsijiet l-oħra kollha li dehru fuq l-aġenda ngħataw tweġiba bil-miktub.

**TQEGĦID TA' KARTI**

Il-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali, l-Onor. Owen Bonnici, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 3636 Tabella li turi tagħrif dwar in-nefqa fuq artikli u opinjonijiet fuq gazzetti mid-dekasteru li għalih hu responsabbli l-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali fil-perjodu bejn Jannar u April 2024, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 17894;

P.L. 3637 Tagħrif dwar il-kontribuzzjonijiet li rċeviet il-Malta Philharmonic Orchestra għas-snin bejn l-2016 u l-2022 wara l-ftehim li kellha mal-European Foundation for Support of Culture, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 18929;

f'isem il-Prim Ministru qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 3638 Avviż Legali Nru 107 tal-2024 - Ordni tal-2024 li jemenda l-Ordni li Jwaqqaf l-Aġenzija Residenza Malta;

f'isem il-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 3639 Tabella li turi n-numru ta' applikazzjonijiet li saru lill-Bord Mediku għall-Benefiċċju ta' Diżabilità Severa u dawk li ġew milqugħa fil-perjodu bejn Jannar 2013 u April 2024 maqsuma għal kull sena, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 18898;

f'isem il-Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 3640 Tabella li turi tagħrif dwar azzjonijiet ta' enforcement li ħarġet l-Awtorità tal-Ippjanar f'Tal-Palma, limiti tal-Imġarr, Malta fil-perjodu bejn Jannar 2005 u April 2024, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 18723;

P.L. 3641 Tabella li turi tagħrif dwar applikazzjonijiet li saru lill-Awtorità tal-Ippjanar għal regolarizzazzjoni ta' żviluppi eżistenti relatati mal-A.L. 96 tal-2023 – Regolamenti dwar ir-Regolarizzazzjoni ta' Żvilupp Eżistenti tal-2016 maqsuma skont il-lokalità, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 18727;

P.L. 3642 Tabella li turi tagħrif dwar applikazzjonijiet li saru mal-Awtorità tal-Ippjanar għal sanzjonar u/jew regolarizzazzjoni f'Tal-Palma, limiti tal-Imġarr, Malta fil-perjodu bejn Jannar 2005 u April 2024, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 18728;

f'isem il-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, u x-Xogħol qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 3643 Tagħrif dwar in-numru ta' serqiet li ġew irrapportati maqsuma skont il-lokalità għas-sena 2022, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 18822; u

f'isem il-Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 3644 Rapport annwali u stqarrijiet finanzjarji tal-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol għas-sena 2023, flimkien mal-estimi finanzjarji tal-istess Awtorità għas-sena 2024 (OHSA).

Il-Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva, l-Onor. Jo Etienne Abela, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 3645 Annual Work Report - Trends and figures of fertility treatments in Malta for 2023 maħruġ mill-Awtorità dwar il-Protezzjoni tal-Embrijuni datat April 2024.

**KUMITATI PERMANENTI**

Il-President tal-Kumitat Permanenti għall-Konsiderazzjoni ta' Abbozzi ta' Liġi, l-Onor. Michael Farrugia, irrapporta li Abbozz Nru 87 - Abbozz ta' Liġi li jemenda Liġijiet Varji dwar il-Kirjiet Residenzjali Privati għadda mill-istadju ta' Kumitat b'emendi.

Il-President tal-Kumitat Permanenti għall-Konsiderazzjoni ta' Abbozzi ta' Liġi Aġġunt, l-Onor. Carmelo Abela, irrapporta li l-Abbozz Nru 89 - Abbozz ta' Liġi fuq Azzjoni dwar il-Klima - kien għadda mill-istadju ta' Kumitat b'emendi.

**AĠĠORNAMENT TAL-KAMRA TAĦT L-ORDNI PERMANENTI NRU 13**

Il-Kap tal-Oppożizzjoni l-Onor. Bernard Grech talab il-permess tal-Kamra sabiex iressaq mozzjoni għal-aġġornament tal-Kamra taħt l-Ordni Permanenti 13.

Il-Kap tal-Oppożizzjoni ssottometta dikjarazzjoni bil-miktub dwar dan lill-Ispeaker.

Fl-4.42 p.m. il-Kamra kienet sospiża sabiex l-Ispeaker jagħti ruling.

Fil-5.33 p.m. il-Kamra rriżumiet u l-Ispeaker ta ruling li din il-mozzjoni ma kinitx tissodisfa l-kweżiti tal-Ordni Permanenti 13 u għalhekk it-talba kienet qiegħda tiġi miċħuda.

Il-Kap tal-Oppożizzjoni l-Onor. Bernard Grech informa lill-Kamra li l-Oppożizzjoni ma kinitx se tkompli tassisti għas-seduta ta' dakinhar u ħarġet barra mill-Kamra.

## MOZZJONIJIET

## MOZZJONI DWAR TRASFERIMENT TA' PROPRJETÀ LIL SUNCREST HOTELS PLC - MOZZJONI NRU 244

Il-Ministru għall-Artijiet u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali, l-Onor. Stefan Zrinzo Azzopardi, jipproponi illi l-Kamra tad-Deputati tapprova din ir-riżoluzzjoni:

Billi hija politika tal-Gvern li jippromwovi turiżmu lejn Malta billi, fost mezzi oħra, jattira investiment privat sabiex il-prodott turistiku Malti jkun minn ta' quddiem b'faċilitajiet tal-ogħla standards internazzjonali f'industrija ferm kompetittiva;

Billi l-kumpanija AX Holdings topera diversi lukandi u stabbilimenti turistiċi fl-inħawi tal-Qawra kif ukoll tax-Xatt tal-Qawra;

Billi jinħass li sabiex dawn l-istabbilimenti jkunu jistgħu jikkompetu fl-ogħla livell ta' ħames stilel (five star), fiċ-ċirkustanzi preżenti u fattwali, dawn l-intrapriżi jirrikjedu faċilitajiet f'forma ta' lidos u water sports centres eċċ, bħalma fuq kollox għandhom mogħtija lil operaturi ta' lukandi oħra li hemm fil-viċinanzi kif ukoll f'diversi lokalitajiet oħra madwar Malta u Għawdex;

Illi AX Holdings, permezz tal-kumpanija Suncrest Hotels p.l.c., bħala kumpanija ewlenija fl-industrija tal-ospitalità tinsab lesta biex tinvesti somma sostanzjali ta' madwar sittin miljun ewro (€60,000,000) fi żvilupp tal-ogħla kwalità fil-lukandi tagħha flimkien ma' faċilitajiet anċillari max-xtajta tal-Qawra, limiti ta' San Pawl il-Baħar; tali investiment bla dubju jkun ta' benefiċċju għall-ekonomija tal-pajjiż kif ukoll għall-ħolqien ta' bosta impjiegi ta' kwalità, diretti u indiretti;

Illi l-Gvern ta' Malta u Suncrest Hotels p.l.c. waslu fi ftehim bonarju dwar kumpens għall-użu fil-passat minn Suncrest Hotels p.l.c. ta' dawk l-artijiet okkupati mill-istess Suncrest Hotels p.l.c. qrib il-lukandi tagħhom fil-Qawra;

Illi ta' min ukoll jirrileva li l-ammont ta' kumpens dovut lill-Gvern minn Suncrest Hotels p.l.c. għall-okkupazzjoni tal-artijiet matul iż-żmien (mis-sena 1987 sas-sena 2023) ġie kkalkulat u aċċettat minn Suncrest Hotels p.l.c., abbażi ta' valur lokatizju u stimi tal-valur liberu u frank perjodikament kif inizjalment iddeterminati f'rapport ta' perit tekniku inkarigat mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawżi l-Gvern ta' Malta vs AX Holdings (Cit 905/91 JPG & 906/91 AE), kif ukoll abbażi ta' awment relattiv għaż-żminijiet ta' wara r-rapport imsemmi, liema kalkoli saru abbażi ta' policies stabbiliti għal għexieren ta' snin qabel l-2020 kif ukoll skont policies imħaddma mill-Awtorità tal-Artijiet għas-snin 2021 sal-2023;

Illi l-valur ta' dan il-kumpens jammonta għal żewġ miljuni, sitta u sebgħin elf, ħames mija u erbgħa u sebgħin ewro (€2,076,574), liema kumpens ġie kkalkulat għaż-żmien kollu tal-okkupazzjoni relattiv, ċjoè, mis-sena elf disa' mija u sebgħa u tmenin (1987) sal-aħħar tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023) kif spjegat fl-abbozz ta' kuntratt ta' ftehim hawn anness (Dok B), kif ukoll ġie kkunsidrat li l-istess Suncrest Hotels p.l.c. ikkontribwixxew sostanzjalment b'artijiet proprjetà esklussivament tagħhom, mingħajr ebda kumpens, għall-kostruzzjoni tat-toroq li jiffrontaġġjaw l-iżvilupp propost kif ukoll għall-inkorporazzjoni ta' fetħiet f'għamla ta' pjazez għall-użu tal-pubbliku ġenerali fl-istess konfini tal-kejl kumplessiv ta' mhux anqas minn elf u ħames mitt metru kwadru (1,500m$^2$) kif jidher fil-pjanta hawn annessa mmarkata Dok D;

Illi permezz tal-ftehim imsemmi huwa ddikjarat illi l-Gvern ta' Malta u AX Holdings/Suncrest Hotels p.l.c. mhux se jibqgħalhom aktar pretensjonijiet kontra xulxin u għaldaqstant il-kawżi hawn fuq ċitati jiġu rtirati;

U billi l-artijiet li fiż-żmien kienu fid-demanju pubbliku, illum ġew deklassifikati skont il-liġi;

Għaldaqstant huwa kkonsidrat li abbażi tal-investiment propost, l-artijiet immarkati 'A', 'B' 'C' u 'D' fuq il-pjanta P.D. No. 2021_0359_B hawn annessa (Dok Ċ) jiġu mogħtija b'enfitewsi temporanja lil Suncrest Hotels p.l.c. għal ħamsa u sittin (65) sena, b'ċens ta' mija, tmienja u tletin elf, erba' mija u tlieta u ħamsin ewro (€138,453) fis-sena, rivedibbli 'l fuq kull ħames (5) snin bl-għaxra fil-mija (10%) taċ-ċens *pro tempore* jew skont l-indiċi tal-inflazzjoni skont liema tkun l-ogħla, kif ukoll skont il-kundizzjonijiet fl-abbozz ta' kuntratt hawn anness (Dok A);

Billi huwa maħsub fl-artiklu 31, subartiklu (ċ) ta' Taqsima III tal-Att dwar Artijiet tal-Gvern (Kap. 573), li art li tkun proprjetà tal-Gvern jew amministrata minnu tista' tiġi trasferita direttament skont riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati li tkun fis-seħħ fil-waqt tat-trasferiment;

Billi huwa maħsub xieraq li t-trasferiment fuq imsemmi jsir skont riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati;

Għalhekk huwa b'dan riżolut illi jiġu trasferiti l-artijiet immarkati 'A', 'B' 'C' u 'D' fuq il-pjanta P.D. No. 2021_0359_B tal-kejl ta' *circa* 2,745m², 127m², 547m² u 2,711m² fl-inħawi tax-Xatt tal-Qawra, limiti ta' San Pawl il-Baħar skont il-pattijiet u l-kundizzjonijiet imsemmija fl-istess abbozz.

Il-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni, l-Onor. Clifton Grima, issekonda.

L-Ispeaker informa lill-Kamra li peress illi din il-mozzjoni għaddiet b'mod unanimu fil-laqgħa 10 tal-15 ta' April 2024 tal-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet tal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika, skont artikolu 31(c) tal-Att dwar Artijiet tal-Gvern (Kap. 573), kien ser jgħaddi mill-ewwel biex iqiegħed il-mistoqsija.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con.

## RIŻOLUZZJONI DWAR TRASFERIMENT TA' PROPRJETÀ LIL MARSASKALA AQUATIC SPORTS CLUB - MOZZJONI NRU 245

Il-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni, l-Onor. Clifton Grima, ippropona:

Sabiex l-ispazji riservati għall-isport fil-komunità jkomplu jikbru u sabiex dejjem ikomplu jinħolqu spazji rikreattivi ġodda għat-tfal u ż-żgħażagħ;

Din il-Kamra tirriżolvi li permezz ta' SportMalta, tiġi trasferita lis-segwenti għaqda sportiva – Marsaskala Aquatic Sports Club – art skont l-abbozz tal-att pubbliku u pjanti annessi, skont u bis-saħħa tal-Att dwar l-Isport (Kap. 455), permezz ta' titolu ta' ċens;

Din il-Kamra tirriżolvi l-appoġġ sħiħ tagħha għal dan it-trasferiment.

Il-Ministru għall-Artijiet u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali, l-Onor. Stefan Zrinzo Azzopardi, issekonda.

L-Ispeaker informa lill-Kamra li peress illi din il-mozzjoni għaddiet b'mod unanimu fil-laqgħa 10 tal-15 ta' April 2024 tal-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet tal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika, skont artikolu 31(c) tal-Att dwar Artijiet tal-Gvern (Kap. 573), kien ser jgħaddi mill-ewwel biex iqiegħed il-mistoqsija.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con.

**ORDNIJIET TAL-ĠURNATA**

L-Iskrivan tal-Kamra qrat l-Ordnijiet tal-Ġurnata.

**1. ABBOZZ TA' LIĠI LI JEMENDA L-ATT DWAR L-AWTORITÀ TAL-INNOVAZZJONI DIĠITALI TA' MALTA – ABBOZZ NRU 95**

L-Ispeaker qara lill-Kamra dan il-Messaġġ mingħand il-President ta' Malta mgħoddi lilu mill-Ministru għall-Ekonomija, l-Intrapriża u Proġetti Strateġiċi, l-Onor. Silvio Schembri.

**MYRIAM SPITERI DEBONO**
**PRESIDENT**

Il-President, wara li kienet informata dwar is-suġġett tal-Abbozz ta' Liġi "sabiex jemenda l-Att dwar l-Awtorità tal-Innovazzjoni Diġitali ta' Malta, Kap. 591, u sabiex jipprovdi għal materji oħra anċillari jew konsegwenzjali għalih", tirrakkomandah għall-konsiderazzjoni tal-Kamra tad-Deputati.

22 ta' April 2024

Il-Ministru għall-Ekonomija, l-Intrapriża u Proġetti Strateġiċi ppropona t-Tieni Qari tal-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att sabiex jemenda l-Att dwar l-Awtorità tal-Innovazzjoni Diġitali ta' Malta, Kap. 591, u sabiex jipprovdi għal materji oħra anċillari jew konsegwenzjali għalih".

L-Onor. Davina Sammut Hili ssekondat.

Fid-diskussjoni ħadu sehem l-Onor. Silvio Schembri, l-Onor. Carmelo Abela u l-Onor. Chris Bonett.

Fis-6.49 p.m. id-diskussjoni kienet interrotta u baqgħet aġġornata. Il-Kamra qablet li l-ħin tal-interruzzjoni tax-xogħol ikun dak il-ħin u li jitressaq l-Aġġornament.

**AĠĠORNAMENT**

Il-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi, l-Onor. Chris Bonett, ippropona l-Aġġornament tal-Kamra għal nhar it-Tlieta, 7 ta' Mejju 2024, fl-4.00 p.m. b'din l-aġenda:

**<u>Ordnijiet tal-Ġurnata</u>**

| | |
|---|---|
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent | Tielet Qari |
| Abbozz ta' Liġi fuq Azzjoni dwar il-Klima | Tielet Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Awtorità tal-Innovazzjoni Diġitali ta' Malta | Tieni Qari (Kont.) |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar Kunsill għall-Maltin li Jgħixu Barra minn Malta | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 5) | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 6) | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Ċivili | Tieni Qari |

| | |
|---|---|
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Ċivili (Emenda Nru 2) | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi dwar it-Twaqqif ta' Kumitat għar-Rakkomandazzjonijiet ta' Miżuri għall-Ħarsien ta' Ġurnalisti, Persuni oħra b'irwol fil-Midja u Persuni fil-Ħajja Pubblika | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kostituzzjoni ta' Malta | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda Diversi Liġijiet dwar il-Protezzjoni tal-Midja u tal-Ġurnalisti | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi dwar il-Monitoraġġ Elettroniku | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Vjolenza Abbażi ta' Ġeneru u Vjolenza Domestika | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi dwar l-Aġenzija dwar is-Suq tal-Proprjetà | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda Liġijiet Varji dwar il-Kirjiet Residenzjali Privati | Tielet Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Patrimonju Kulturali | Tielet Qari |

----

| | |
|---|---|
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja | Kumitat Permanenti |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Kumpaniji | Kumitat Permanenti |

Il-ħin tal-aġġornament ittieħed min-naħa tal-Gvern, mill-Onor. Amanda Spiteri Grech.

Fis-6.55 p.m. l-Ispeaker avża li l-Kamra ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta, 7 ta' Mejju 2024, fl-4.00 p.m. bl-aġenda kif komunikata mill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi.

**ELEANOR SCERRI**
**SKRIVAN TAL-KAMRA**

**KONFERMATI**

**ONOR. ANĠLU FARRUGIA**
**SPEAKER**